**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 82/2022 RM**

**Rasem Alsoulaiman u Hussein Suleyman**

**-Vs-**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Illum, 19 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Rasem Alsoulaiman u Hussein Suleyman fir-Reġistru tal-Qorti fejn għar-raġunijiet premessi, talbu:-

1. *Illi permezz ta'nota ta'qbid li ggib in-numru ta'riferenza 17/2022. Kopja ta' liema qiegħda tigi hawn preżentata u mmarkata bhala Dokument 'A, gew maqbuda s- segwenti oggetti;*

*6 cartons x10 pockets each carton x50 each pocket AI Fakher The Double Crunch Shisha Tobacco*

*12 cartons x10 pockets each carton x50g each packet Al Fakher 22 Shisha Tobacco*

*4 boxes x1000g each box Al Fakher the Double Crunch Shisha Tobacco*

*1 unopened box x1000g Al Fakher the Double Crunch Shisha Tobacco*

*3 boxes x250g each box Al Fakher the Double Crunch Shisha Tobacco*

*3 boxes x 250g each box Al Fakher Big Blue Shisha Tobacco*

*2 unopened boxes x 1000g each box Al Fakher 18 Shisha Tobacco*

*2 boxes x1000g each box Al Fakher 18 Shisha Tobacco*

*1 unopened box x 1000g Al Fakher 7 Shisha Tobacco*

*1 unopened box x 1000g Al Fakher 31 Shisha Tobacco*

*1 unopened pocket x 1000g Al Fakher Shisha Tobacco*

*11 pockets x 50g each packet Al Fakher 23 Shisha Tobacco*

*6 packets x50g each packet Al Fakher 30 Shisha Tobacco*

*1 packets x50g each packet Al Fakher 50 Shisha Tobacco*

*10 packets x50g each packet Al Fakher 22 Shisha Tobacco*

*5 packets x50g each packet Al Fakher 6 Shisha Tobacco*

*10 packets x50g each packet Al Fakher The Double Crunch Shisha Tobacco*

*3 boxes x250g each box Al Fakher Frost Double Crunch Shisha Tobacco*

2. *Illi r-rikorrenti ġew notifikati bl-imsemmija nota ta' qbid nhar il-ħamsa (5) ta' Marzu tas-sena elfejn, tnejn u għoxrin (2022), liema oġġetti ma jeċċedux il-valur ta' €5,000.*

3. *Illi kif rifless fl-istess nota, l-oġġetti suindikati ġew maqbuda mill-ħanut 'Damasc Butcher/ Barber Shop' sitwit fi Triq Haż- Żabbar, Raħal Ġdid, liema ħanut jappartjeni lir-rikorrenti, nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru tas-sena elfejn,wiehed u ghoxrin (2021) u l-bażi ta' tali qbid huwa l-allegat ksur tal-Artikolu 60 (1) (b) u (k) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37 tal-*

*Liġijiet ta' Malta) u kif ukoll tal-Artikoli 17 (1) (a) u (d) u Regolament 7A (10) ta' Taqsima Ċ fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta)*

4. *Illi in segwitu tan-notifika tan-nota ta' qbid, permezz ta' ittra datata ta' tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn, tnejn u għoxrin (2022) mibgħuta ai termini tal-Artikolu 28 (1) tal-Kap.382 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument 'B, ir-rikorrenti għarrfu lill- Kummissarju tat-Taxxa li ma kinux qed jaqblu mal-ħrug tal-imsemmija nota, u li kienu fi ħsiebhom jikkontestaw l-istess. Din l-ittra ntbagħtet ukoll lill-intimat sabiex hu jkun mgħarraf bl-intenzjoni tar-rikorrenti.*

5. *Illi r-rikorrenti jħossu rwieħhom aggravati bil-qbid tal-oġġetti u l-ħrug tan-nota surriferiti u qegħdin jippreżentaw dan ir-rikors a tenur tal-Artikolu 28(2) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta u a tenur tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan peress illi r-rikkorenti qed jikkontestaw il-qbid tal-oġġetti tad-Direttur Ġenerali (Dwana) permezz tan-nota ta' qbid numru 17/2022*

6. *Illi tali qbid sar illegalment u mingħajr ebda bażi skont il-liġi u qed jigi kkontestat mir-rikkorenti ghas-segwenti raġunijiet.*

*L-ILMENT IN DIZAMINA*

7. *Illi prelimarjament, l-oġġetti maqbuda ma ġewx importati Malta mir-rikorrenti, iżda kienu nxtraw legalment direttament minn wholesaler lokali, li kien importa l-oġġetti hu, u cioe 'NM Arrigo Limited (C6283) ta' Triq l-Intornjatur, Mriehel Bypass, Birkirkara BKR 3000, jew inkella minn ħwienet lokali tal-istess wholesaler, u dan kif jista' jigi konfermat minn kopja tal-invoices relattivi tax-xiri tal-oġġetti mingħand l-imsemmi wholesaler.*

*8. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu illi sar xi ksur tad-dispożizzjonijiet ċitati mid-Direttur Generali (Dwana ) fin-nota, kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*9. Illi l-Artikoli 60 (1) (b) u (k) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta, abbażi ta' liema qiegħed jiġi allegat li sar il-ksur da parti tar-rikkorenti, jipprojbixxu l-importazzjoni ta' "oġġetti li tagħhom hija pprojbita jew limitata l-importanza" u l-importazzjoni ta' oġġetti "minn xi persuna li tkun xjentement imdaħħla f'xi evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni frawdolenti ta' xi dazji tad-dwana, jew tal-liġijiet u restrizzjonijiet ta' dwana". Illi r-rikorrenti umilment jissottomettu li dawn il-liġijiet mhumiex applikabbli għalihom, u dan stante illi qatt ma jistgħu jinstabu li kisru xi dispożizzjonijiet ta' importazzjoni ta' oġġetti li ddaħħlu Malta minn terzi.*

*10. Illi inoltre, l-Artikolu 17 (1) (a) u (d) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, li l-intimat ukoll jallega li sar ksur tagħhom mir-rikorrenti jagħtu l-fakolta' tal-konfiska ta' oġġetti tad-dazju tas-sisa li "jiġu depożitati jew jinħbew f'xi post bil-għan li ssir frodi l-Gvern għar-rigward tad-dazju tas-sisa li għandu jinġabar bis-saħħa ta' dan l-Att" u ta' oġġetti li "jiddaħħlu Malta u ssir evażjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa". F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti għal darb'oħra umilment isostnu l-inapplikabbilita' dawn l-artikoli, u dan stante li ma hux minnu li huma kienu akkwistaw l-oggetti – wara li ġja kienu gew impurtati Malta minn terzi - b'xi intiża ta' frodi jew inkella evażjoni mill-ħlas tad-dazju.*

*11. Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost, ma huwiex minnu t-tabakk in kwistjoni kien bi ksur ta' xi dispożizzjonijiet tal-liġijiet relevanti u semmai kien jispetta fuq l-intimat sabiex fin-nota tal-qbid jispjega r-raġunijiet għalfejn l-oġġetti in kwistjoni kienu allegetament illegali.*

*12. Illi l-intimat naqas milli jagħti raġunijiet fondati u legali sabiex jispjega kif u jekk hux minnu li t-tabakk in kwistjoni kien allegatament "illegali".*

*13. Illi minkejja s-suespost, u minkejja diversi tentattivi għall-ftehim mal-intimat, l-imsemmija oġġetti għadhom sal-llum il-ġurnata maqbuda mill-intimat mingħajr ebda raġuni valida.*

*14. Illi għalhekk, in vista ta' dak kollu fuq premess u kif se jiġi ppruvat matul is-smigħ ta' din l-kawża il-konfiska da parti tal-intimat tal-oġġetti kollha mertu ta' dan ir-rikors, ma hijiex ġustifikata taħt l-ebda disposizzjoni tal-Kapitolu 37 u 382 tal-Ligijiet ta' Malta ,u konsegwentement, għandhom jiġu rilaxxati favur ir-rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, u kif jista' jiġi ppruvat matul is-smigħ ta' din il-kawża, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-oġġetti imsemmija fin-nota ta' qbid 17/2022 ma kellhomx jinqabdu stante li r-rikorrenti ma kisru ebda ligi u/jew regolament naxxenti mill-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta); u*

*2. Tordna r-rilaxx tal-oġġetti maqbuda in forza tan-nota ta' qbid 17/2022 fi żmien qasir qu perentorju li għandu jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, u fin-nuqqas milli jagħmel dan, tikkundanna lill-intimat għal multa ffissata sakemm idum in-nuqqas.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu min issa nġunt in subizzjoni, u b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti, inkluż riferenza kostituzzjonali jekk ikun il-każ , kif ukoll għal azzjoni għad-danni.*

Rat ir-Risposta tad-Direttur Ġenerali Dwana, ippreżentata fil-21 ta' April 2022 fejn eċċepixxa:-

1. *Illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors huma infondati fill-fatt għaliex huma insostenibbli ai termini tal-provvedimenti doganali, senjatament tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap.37 tal-liġijiet ta' Malta) u tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap 382 tal-liġijiet ta' Malta) u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

   *(i) Illi permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikkorenti qegħdin jikkontestaw n-Nota ta' Qbid li ġġib in-numru ta' referenza 17/2022 datata tlieta (3) ta' Marzu, 2022;*

   *(ii) Illi minn spezzjoni magħmula mill-Uffiċjali tad-Dwana nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru, 2021, fil-ħanut Damasc Butcher/Barber Shop ġewwa 97, Żabbar Road, Paola, instab għall-bejgħ ammont sostanzjali ta' tabakk tal-pipa tal-ilma (magħruf ukoll bħala tabakk tax-shisha) mingħajr il- faxxex/bollol tas-sisa appożiti mwaħħlin fuq il-pakkett, kaxxa, u/jew kontenitur tagħhom bi ksur flagranti tar-Regolament 7A tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda tal-Att Dwar Dazju tas-SISA (Kap.383 tal-Liġijiet ta' Malta), u bi ksur tal-Liġi sussidarja 315.10 (Regolamenti dwar il-manifattura, preżentazzjoni u bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati) tal-liġijiet ta' Malta minħabba li twissijiet tas-saħħa fuq il-kontenituri tal-istess tabakk tax-shisha ma' kienx konformi mar-regolamenti tal-imsemmija liġi sussidjarja;*

   *(iii) Illi ħsara lejn is- subregolament (2) tar-Regolament 7A tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad li m'għandu jkun offrut fis-suq l-ebda tabakk tal-pipa tal-ilma ħlief meta l-pakkett, kaxxa, jew kontenitur li minnufih ġewwa fih jingħalaq it-tabakk tal-pipa*

*tal-ilma jkun ġie siġillat b'faxxa jew bolla tas-sisa. Imbagħad is-subregolament (3) tal istess Regolament jistipola li m'għandux jiġi maħżun, ippreparat, u/jew offrut għal skop ta' bejgħ, jew offrut bla ħlas, tabakk tax-shisha ħlief jekk ikun fil-kontenitur tiegħu bil-faxxa jew bolla tas-sisa;*

(iv) *Illi għalhekk is-sejba li rriżultat mill-ispezzjoni magħmula mill-uffiċjali tad-Dwana kienet tmur kontra dak stipolat fir-Regolament 7A tat-Taqsima C tas-sitt skeda, u għalhekk kien applikabli b'mod tassativ is-subregolament (10) tal-istess regolament, li jesiġi li "kwalunkwe kwantita' tkun xi tkun ta' tabakk tal-pipa tal-ilma li tinstab fil-pussess ta' xi persuna bi ksur tad- disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra provduta bl-Att jew xi liġi oħra, tiġi konfiskata favur il-Gvern";*

(v) *Illi magħdud ma dan, m'għandux mis-sewwa l-argument avvanzat f'para. 7 tar-rikors promotur li ma seħħ l-ebda ksur tal-liġi għax it-tabakk tax-shisha ma ġiex importat f'Malta mir-rikorrenti nfushom, jew għax it-tabakk tax-shisha inxtara legalment u direttament minn wholesaler lokali. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-faxex/bollol tas-sisa, il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn min importa l-oġġetti u/jew min qiegħed joffri dawn l-oġġetti għall-bejgħ. Dak li tesiġi l-liġi huwa li dawn il-faxxex/bollol tas-sisa jkunu imwaħħlih mal-kontenitur tal-istess tabakk;*

(vi) *Illi fis-7 t'Awwissu,2020, permezz ta' Avviż ta' struzzjoni lill-Operaturi Ekonomiċi kollha li jimportaw u/jew joffru għall-Bejgh Tabakk tal-Pipa tal-Ilma Magħruf ukoll bħala Shisha/Goza/Narghile/Ghalyoon/Hookah, Eċċ, l-operaturi ekonomiċi*

*kollha ġew informati li mill-1 t'Ottubru, 2020, l-ebda tabakk tax-shisha m'għandu jitpoġġa fis-suq sakemm ma jkollux il-faxxex/bollol appożiti fuq il-kontenitur tiegħu imwaħħla. Il-pussess ta' tabakk tax-shisha mingħajr it- tikketti/bollol imwaħħla li jkun misjub wara l-1 t'Ottubru, 2020, għandha tapplika għalih il-konfiska;*

(vii) *Illi lil hinn minn dan, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tabakk tax-shisha maqbud ma kellux fuqu it-twissijiet tas-saħħa kif kontemplati fil-Liġi Sussidjarja 315.10 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-regolaent 8 ta' din il-liġi sussidjarja tesiġi li t-twissijiet tas-saħħa għandhom ikunu bil-lingwa Maltija u Ingliża. Id-dħul f'xi parti ta' Malta ta' tabakk bit-twissijiet tas-saħħa li jmorru kontra dak li tistipola l-liġi, jagħmlu dawn l-oġġetti projbiti fis-suq tant li japplika wkoll l-artkolu 60 (1) (b) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jobbliga lill-esponent li jaqbad l-oġġetti li jkunu pprojbiti jew limitati li jiddaħlu f'Malta;*

(viii) *Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, għal dak li għandu x'jaqsam mal-artikolu 60(1) (k) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta, il-qbid ta' oġġetti taħt dan l-artikolu għandu japplika f'każ li l-persuna li tkun importat l-oġġetti tkun, fost oħrajn, kisret liġijiet u restrizzjonijiet tad-Dwana dwar il- kunsinna ta' oġġetti jew b'kull mod ieħor li jmur konta l-Ordinanza. Il-fatt li t-tabakk tax-shisha ġie kkunsinnat lir-rikorrenti mingħajr il-faxxex/bollol appożiti u mhux skont id-dettami legali dwar it-twissijiet tas-saħħa, jagħmel dan it-tabakk suġġett għall-qbid ukoll ai termini ta' dan l-artikolu.*

*Hawnhekk tajjeb li jiġi puntwalizzat li l-fatt li oġġett ikun ġie importat minn terz, u sussegwentament inbiegħ lir-rikorrent, <u>ma jissanax sitwazzjoni irregolari</u> li jkun jinsab fiha l-oġġett. Huwa għalhekk li l-qbid doganali huwa in rem, għaliex il-qbid iseħħ fil-konfront tal-oġġett li jkun fi stat illeġittmu, immaterjalment minn min poġġieh f'dak l-istat illeġittmu u/jew*

*għand min qiegħed l-oġġett. Għal dan imbagħad jaħsbu l-proċeduri penali, fejn min ikun ikkommetta l-allegat reat jista' jaffaċċja pieni kriminali għall-aġir illegali tiegħu. Huwa għal din ir-raġuni li r-Regolament 7A tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda jgħid l-qbid għandu jseħħ 'mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra provduta bl-Att jew b'xi liġi oħra;*

*(ix) Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn ir-rikorrent jindirizza l-artikolu 17 (1)(a) u (d) tal-Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm huwa minnu li f'dan il-każ id-dazju tas-sisa fuq l-oġġetti maqbuda jidher li kien kawtelat, ma jfissirx b'daqshekk li ma setgħax jimmaterjalizza attentat t'evażjoni ta' dazju tas-sisa. Dan jingħad għaliex kwalunkwe ammont ta' tikketti/bollol mhux imwaħħla li setgħa kellhom/għandhom fil-pussess tagħhom kemm ir-rikorrenti u kif ukoll l-importatur NM Arrigo Limited intiżi għat-tabakk maqbud u kif ukoll għal tabakk li diġa' inbiegħ mingħajr tikketti/bollol imwaħħla, setgħu/jistgħu jitwaħħlu fuq tabakk li d-dazju tiegħu ma ġiex/għadu mhuwiex ikkwatelat. Għalhekk evażjoni ta' dazju jew attentat t'evażjoni ta' dazju ma jistax ikun eskluż;*

*(x) Illi n-nuqqasijiet imsemmija joħolqu żbilanċ fil-konfront ta' negozjanti oħra li josservaw il-liġijiet fiskali bir-reqqa oltre għall-fatt li tali prattiċi jistgħu jkunu detrimentali għall-errarju pubbliku;*

*(xi) Illi b'konsegwenza ta' dan, l-esponent Direttur Ġenerali (Dwana) għadda sabiex jaqbad mill-ħanut Damasc Butcher/Barber shop, it-tabakk tax-shisha indikat fin-nota ta' qbid 17/2022;*

*(xii) Illi minn verifiki li għamel l-esponent, rriżulta wkoll li l-istabbiliment Damasc Butcher/Barber Shop m'huwiex reġistrat mad-Dwana Maltija bħala mħażen tas-Sisa u b'hekk zġur li r-rikorrenti ma setgħux jibbenifikaw mill-ebda eżenzjoni taħt il-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi m'huwiex minnu li l-esponent ma spjegax ir-raġunijiet għalfejn l-oġġetti in kwistjoni kienu allegatament illegali. Ħarsa lejn "Tgħarif qasir għaliex sar il qbid" fuq in-nota ta' qbid, l-esponent elenka l-liġijiet applikabbli. Minn qari tad-disposizzjonijiet imsemmija, wieħed jirrealizza li dawn huma disposizzjonijiet sostantivi fejn jispjegaw f'hiex tikkonsisti l-illegalita';*

3. *Illi fir-rigward tat-tieni talba, jekk għall-grazzja tal-argument biss din l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' l-ewwel talba rikorrenti, safejn ir-rikorrenti qed jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lill-intimat għal multa ffissata f'każ li ma jirriaxxjax l-oġġetti maqbuda fit-terminu stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, jingħad li l-esponent dejjem ħares id- deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna bir-reqqa, u għalhekk m'hemmx il-ħtieġa għall-estremi mitluba mir-rikorrenti. Apparti minn hekk, din l-azzjoni hija intiża limitatament għar-rivendika tal-oġġetti maqbuda, u talbiet li jmorru lil hinn minn dan għandhom ikunu mwarrba;*

4. *Illi għalhekk, għar-raġunijiet fuq esposti jirriżulta li l-esponent Direttur Ġenerali (Dwana) ottempra ruħu mal-liġi, u l-qbid prospettat kien wieħed ġustifikat;*

5. *Salv eċċeżżjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qori jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fill-fatt u fid-dritt, bl-ispejjeż.*

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' April 2022 fejn appuntat ir-Rikors għas-smigħ għal nhar is-27 ta' April 2022 għas-smigħ tal-provi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tal-25 ta' Settembru 2023;

Rat illi l-r-rikors ġie mħolli għal-lum għad-deċiżjoni;

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti qegħdin jaġixxu taħt l-artikolu 28(2) tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta – kif kien fis-seħħ fiż-żmien meta ġie istitwit dan il-proċediment u qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XII tal-2023 - biex jikkontestaw il-qbid tal-oġġetti, ossia tabakk tal-pipa tal-ilma (*shisha*), li ġew konfiskati mill-pussess tagħhom minn ġewwa l-istabbiliment Damasc Butcher/Barber Shop mill-intimat id-Direttur Ġenerali (Dwana) fil-21 ta' Diċembru 2021, liema oġġetti jinsabu elenkati fin-nota ta' qbid bin-numru 17/2022, maħruġa fit-3 ta' Marzu 2022.

Fin-nota ta' qbid, ġie indikat illi l-pussess tal-prodotti tat-tabakk mir-rikorrenti ġie konfiskat għaliex huwa bi ksur tal-artikoli 60(1)(b) u (k) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u tal-artikolu 17(1)(a) u (d) u r-regolament 7A(1) tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda tal-Att dwar it-Taxxa tas-Sisa (Kap. 382).

Ir-rikorrenti jikkontendu li d-dispożizzjonijiet tal-liġi invokati mill-intimat fin-nota ta' qbid relattiva, fuq imsemmija, huma inapplikabbli għall-każ u l-qbid ma kienx ġustifikat anke għaliex it-tabakk ma kienx ġie importat minnhom iżda kienu xtrawh leġittimament u ġie kunsinnat lilhom f'dak l-istat, minn *wholesaler* lokali.

Da parti tiegħu, l-intimat jilqa' għat-talbiet fir-rikors billi jsostni li t-tabakk ġie elevat mill-pussess tar-rikorrenti u ġie sussegwentement konfiskat, għaliex dan kien instab li

kien offrut għall-bejgħ (i) mingħajr ma kien issiġillat bit-tikketti ossia bolli tas-sisa imwaħħlin fuq il-pakketti jew kontenituri tiegħu bi ksur tal-7A, Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382) u (ii) mingħajr konformita' mar-regolament 8 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 315.10 dwar it-twissijiet tas-saħħa fuq il-kontenituri tat-tabakk, għaliex it-twissijiet fuq it-tabakk li nstab għall-bejgħ fil-pussess tar-rikorrenti ma kienux bil-lingwa Maltija u wkoll bil-lingwa Ingliża.

Il-fatti li mhux kontestati u li joħorġu mill-provi u mix-xhieda huma dawn:-

Illi fis-7 ta' Awwissu 2020, ġie pubblikat Avviż, imsejjaħ '*Avviż ta' Struzzjoni lill-Operaturi Ekonomiċi kollha li Jimportaw u/jew joffru għall-Bejgħ Tabakk tal-Pipa tal-Ilma Magħruf Ukoll Bħala Shisha/Goza/Narghile/Ghayloon/Hookah, Eċċ.'*.

Dan l-Avviż għarraf lill-operaturi u importaturi ekonomiċi relevanti biex jinnotaw illi:-

"*1. .... mill-1 ta' Ottubru 2020, l-ebda tabakk imsemmi fit-titolu tan-notifika m'għandu jitpoġġa fis-suq sakemm l-pakkett, kaxxa jew kontentitur jekk ma jkunx ġie ssiġillat b'bolla tas-sisa mwaħħla kif indikat mill-Kummissarju tat-Taxxi. Id-disinn tal-bolla tas-sisa huwa illustrat hawn taħt:*

*2. Il-bolol tas-sisa għandhom jitwaħħlu b'mod li jiżgura l-qerda tagħhom mal-ftuħ tat-tali pakkett, kaxxa jew kontenitur.*

*3. Bolla tas-sisa bħal din għandha tiġi akkwistata bi ħlas permezz ta' applikazzjoni mill-operatur ekonomiku awtorizzat.*

*4. L-imsemmija bolol tas-sisa jiġu mixtrija biss minn OpSec Security Malta Limited ta' 33, Triq Carini, Santa Venera.*

*5. Il-bolol tas-sisa għandhom jitwaħħlu fuq il-pakkett, kaxxa jew kontenitur sa mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem li l-bolol tas-sisa jkunu nxtraw mill-operatur ekonomiku."*

Fil-1 ta' Ottubru 2020 daħlet fis-seħħ l-obbligazzjoni legali tat-twaħħil tal-bolla tas-sisa fuq prodotti *inter alia* tat-tabakk li jitpoġġew għall-bejgħ fuq is-suq.

Fil-21 ta' Diċembru 2021, saret spezzjoni mill-uffiċjali tad-Dwana fil-ħanut tar-rikorrenti bl-isem Damasc Butcher/Barber Shop u ġew maqbuda diversi prodotti tat-tabakk li kienu esposti għall-bejgħ fil-ħanut, liema prodotti jinsabu elenkati fil-formola "*Item/s witheld by Customs Officials Pending Investigations*" (Dok. DGD) maħruġ dakinhar stess.

Il-pakketti u kontenituri tat-tabakk li ġew konfiskati mill-pussess tar-rikorrenti ma kellhomx it-tikketta tad-dazju tas-sisa mwaħħla fuqhom. Inoltre, it-twissija tas-saħħa fuq il-pakketti tat-tabakk li ġew konfiskati kienet bil-lingwa Spanjola u mhux bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża. Dan mhux kontestat mir-rikorrenti.

It-tabakk ġie eventwalment konfiskat mill-intimat permezz ta' nota ta' qbid maħruġa fit-3 ta' Marzu 2022.

Il-biċċa l-kbira tat-tabakk li ġie konfiskat, ir-rikorrenti xtrawh mingħand is-soċjeta' NM Arrigo Limited, l-importatur, f'żewġ konsenji[1] u kienu għaddew kopja ta' dawn l-istess fatturi lill-uffiċjali tad-Dwana wara l-ispezzjoni li saret fil-21 ta' Diċembru 2021 u qabel il-ħruġ tan-nota ta' qbid fit-3 ta' Marzu 2022.

Ir-rikorrenti qatt ma għamlu kuntatt, qabel il-qbid tat-tabakk, mal-awtoritajiet tad-Dwana jew is-supplier NM Arrigo Limited, biex jipprovdulhom it-tikketti tad-dazju tas-sisa u t-tikketti bit-twissija tas-saħħa bil-Malti u bl-Ingliż, biex dawn jitwaħħlu fuq il-pakketti tat-tabakk u dawn it-tikketti lanqas ma ġew ipprovduti lilhom mis-supplier.

[1] Ara fatturi datati 10 ta' Lulju 2020 u 22 ta' Jannar 2021.

Ikkunsidrat;

Illi l-*vexata quaestio* li jrid jiġi riżolt jikkonċerna l-obbligu impost bis-saħħa tar-regolament 7A tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda biex jiġi assigurat li l-pakketti, kaxxi u kontenituri ta' dan it-tabakk li jiġi offrut għall-bejgħ fis-suq, ikunu siġillati b'bolla tas-sisa mwaħħla fuqhom. Dan l-obbligu legali ġie mħabbar b'Avviż ta' Struzzjoni ippubblikat fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Awwissu 2020.

Fiż-żmien tal-konfiska tat-tabakk mill-uffiċjali tad-Dwana minn ġewwa l-istabbiliment tar-rikorrenti, fil-21 ta' Diċembru 2021, id-dispożizzjonijiet relevanti tar-regolament 7A tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, kienu jipprovdu:-

*7A. (1) M'għandu jiġi importat għal skop ta' bejgħ, maħżun għal skop ta' bejgħ, ippreparat għall-bejgħ, offrut għall-bejgħ jew offrut bla ħlas ebda tabakk tal-pipa tal-ilma (magħruf ukoll bħala tabakk tax-shisha) ħlief jekk ikun impurtat, maħżun, ippreparat għall-bejgħ, offrut għall-bejgħ jew offrut bla ħlas minn konsenjatur reġistrat, destinatarju reġistrat jew magazinnier awtorizzat:*

*Iżda min juri li jkun xtara t-tabakk tal-pipa tal-ilma mingħand konsenjatur reġistrat, destinatarju reġistrat jew magazzinier awtorizzat ma għandux jitqies li kiser dan l-obbligu.*

***(2) M'għandu jiġi offrut fis-suq ebda tabakk tal-pipa tal-ilma (magħruf ukoll bħala tabakk tax-shisha) ħlief meta l-pakkett, kaxxa jew kontenitur li minnufih ġewwa fih jingħalaq it-tabakk tal-pipa tal-ilma jkun ġie siġillat b'faxxa jew bolla tas-sisa mwaħħla kif indikat mill-Kummissarju, b'dak il-mod li sabiex jinfetaħ dak il-pakkett, kaxxa jew kontenitur, dik il-faxxa jew bolla tas-sisa ta' bilfors trid tiġi distrutta.***

***(3) M'għandu jiġi maħżun għal skop ta' bejgħ, ippreparat għal skop ta' bejgħ, offrut għal skop ta' bejgħ jew offrut bla ħlas ebda tabakk tal-pipa tal-ilma (magħruf ukoll bħala tabakk tax-shisha) ħlief jekk ikun fil-pakkett, kaxxa jew kontenitur tiegħu bil-faxxa jew bolla tas-sisa għadha mwaħħla miegħu, jew inkella fil-pipa tal-ilma nnifisha.***

*(4) Dawk il-faxex jew bolli tas-sisa għandhom jinħarġu mill-Kummissarju bi ħlas għalihom, kif jista' jiġi preskritt b'regolamenti magħmulin taħt l-Att,* ***fuq talba li ssirlu mill-magazzinier awtorizzat ta' tabakk tal-pipa tal-ilma****.*

*(5) Il-faxex jew bolla tas-sisa għandhom jiġu fornuti fid-Dwana jew f'kull post ieħor li jiġi stabbilit mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta.*

***(6) Il-faxxa jew bolla tas-sisa għandha titwaħħal mal-kontenitur sa mhux aktar tard minn ħamest (5) ijiem minn meta tinxtara, ħlief fil-każ ta' faxxa jew bolla tas-sisa li għandha titwaħħal minn magazzinier awtorizzat****.*

...

***10) Kwalunkwe kwantità tkun xi tkun ta' tabakk tal-pipa tal-ilma li tinstab fil-pussess ta' xi persuna bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandha, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra provduta bl-Att jew b'xi liġi oħra, tiġi konfiskata favur il-Gvern.***" (emfasi tal-Qorti)

Ir-rikorrenti jikkontendu li dan l-obbligu jolqot biss dak it-tabakk li jiġi importat jew jitpoġġa għall-bejgħ fis-suq mill-1 ta' Ottubru 2020 'il quddiem, u ma japplikax retroattivament in kwantu dak it-tabakk li diġa' kien offrut għall-bejgħ fis-suq lill-konsumatur qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament relattiv, u li fuqu jkun ġia' ġie mħallas id-dazju tas-sisa.

Da parti tiegħu l-intimat isostni li dan l-obbligu jolqot indiskriminatament kull prodott tat-tabakk li jkun offrut għall-bejgħ mill-1 ta' Ottubru 2020 'il quddiem b'dan illi minn dakinhar, kull tabakk tal-pipa tal-ilma li jkun offrut għall-bejgħ lill-konsumatur,

kompriż it-tabakk li kien ġia' importat iżda miżmum fil-*bonded stores* u dak kien diġa' ġie espost għall-bejgħ fis-suq qabel l-imsemmija data, irid ikun konformi mal-obbligi imposti mir-regolament il-ġdid li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2020.

Ikkunsidrat;

Għall-Qorti huwa ovvju illi t-tabakk li nxtara mir-rikorrenti mingħand l-importatur NM Arrigo Limited **<u>wara</u>** d-dħul fis-seħħ tal-tobbligu legali fil-1 ta' Ottubru 2020 - anke jekk dan seta' ġie importat u d-dazju tas-sisa ġiet imħallsa fuqu mill-importatur qabel l-1 ta' Ottubru 2020[2] - jaqa' fl-iskop tal-obbligu legali impost mid-dispożizzjonijiet tar-regolament 7A(2)(3) tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382), li kienu fis-seħħ ukoll fid-data tax-xiri u espożizzjoni għall-bejgħ[3], peress li dan it-tabakk evidentement ġie mqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur fis-suq meta l-obbligu legali kien diġa' fis-seħħ. Dan ifisser illi dak it-tabakk li nxtara fit-22 ta' Jannar 2021 u li nstab espost għall-bejgħ fil-21 ta' Diċembru 2021 fl-istabbiliment tar-rikorrenti f'pakketti jew kontenituri mingħajr bolla tas-sisa mwaħħla fuqhom, kien jinsab fi stat irregolari u ma jista' qatt jitqies li huwa konformi mar-regolamenti fuq imsemmija. Konsegwentement, kien u huwa soġġett għal konfiska a tenur tar-regolament 7A(10) tas-Sitt Skeda (Taqsima Ċ) tal-Kap. 382[4].

Tqis ukoll li l-fatt li l-importatur innifsu – f'dan il-każ NM Arrigo Limited - seta' naqas milli jitlob il-ħruġ tal-faxex jew bolli tas-sisa u jwaħħalhom fuq il-pakketti tat-tabakk mibjugħin lir-rikorrenti u li mexa bi ksur tal-obbligi legali tiegħu taħt is-subregolamenti (2) u (4) tal-imsemmi regolament 7A[5], ma jeħlisx lill-persuna li xtrat it-tabakk mingħandu u ma jnaqqas xejn mill-obbligu tagħha li tassigura li l-pakketti offruti minnha għall-bejgħ lill-konsumatur, ikunu siġillati bil-faxex tas-sisa mwaħħlin

---

[2] Ir-rikorrenti jisħqu li s-sisa kienet tħallset mill-importatur iżda Anthony Borg xehed illi mill-komputazzjoni li saret minnu jirriżulta li ħamsa mill-prodotti differenti tat-tabakk li ġew konfiskati mill-pussess tar-rikorrenti m'huma imniżżlin fl-ebda waħda mill-invoices provduti mir-rikorrenti lill-uffiċjali tad-Dwana, li jfisser li ma ngabitx prova tal-ħlas tad-dazju tas-sisa fuq dawn il-prodotti.

[3] Ara Att VIII tal-2020, reg. 66. L-obbligu fir-regolament 7A(2) ma kienx inbidel bid-dħul fis-seħħ tal-Att XVIII tal-2021 fis-16 ta' April 2021.

[4] Kif kien fis-seħħ fid-data tal-konfiska.

[5] Kif kien fis-seħħ fid-data tal-bejgħ tat-tabakk lir-rikorrenti fit-22 ta' Jannar 2021.

fuqhom mill-1 ta’ Ottubru 2020 ‘il quddiem.  Kemm hu hekk, **b’effett mill-1 ta’ Ottubru 2020, il-liġi tipprojibixxi b’mod ġenerali u oġġettiv l-offerta għall-bejgħ ta’ pakketti tat-tabakk li ma jkollhomx il-faxxa tas-sisa mwaħħla fuqhom** u mhuwiex relevanti għall-fini ta’ dan l-obbligu legali, la jekk it-tabakk ikunx ġie importat jew mixtri legalment, u lanqas il-fatt li l-persuna li toffrih għall-bejgħ ma tkunx ukoll l-importatur tat-tabakk.  Wara kollox, l-avviż ta’ struzzjoni li nħareġ fis-7 ta’ Awwissu 2020 kien intiż u ppubblikat għall-attenzjoni tal-**operaturi ekonomiċi kollha li jimportaw u/jew joffru għall-bejgħ tabakk tal-pipa tal-ilma** biex jassiguraw li mill-1 ta’ Ottubru 2020 ‘il quddiem, jitwaħħlu l-bolol tas-sisa fuq il-pakkett, kaxxa jew kontenitur tat-tabakk tal-pipa tal-ilma.

Ikkunsidrat;

Illi jmiss li tiġi trattata s-sitwazzjoni legali in kwantu għall-prodotti li kienu diġa’ nħarġu mill-magazzinaġġ tal-importatur u mqegħdin għall-bejgħ fis-suq **<u>qabel</u>** id-dħul fis-seħħ tal-obbligu legali impost fir-regolament 7A tas-Sitt Skeda tat-Taqsima Ċ tal-Kap. 382 u ċioe’, qabel l-1 ta’ Ottubru 2020.

Il-Qorti tqis illi l-pakketti tat-tabakk li diġa’ kienu disponibbli għall-bejgħ lill-konsumatur fl-1 ta’ Ottubru 2020 mingħajr il-faxxa tas-sisa mwaħħla fuqhom, ma setgħux jibqgħu hekk esposti għall-bejgħ mingħajr din il-faxxa, irrispettivament mill-fatt li dawn il-pakketti ġew importati f’Malta, mibjugħa lir-rikorrenti u offruti għall-bejgħ **qabel** id-dħul fis-seħħ tal-obbligu legali taħt ir-regolament 7A tat-Taqsima Ċ tal-Iskeda 6 tal-Kap. 382.

Il-Qorti ma taqbilx mal-argoment tar-rikorrenti li l-kliem “*offrut fis-suq*” u “*offrut għall-iskop ta’ bejgħ*” fir-regolament 7A tas-Sitt Skeda tat-Taqsima Ċ tal-Kap. 382, ma jirriferix għal dak it-tabakk li jkun diġa’ mqiegħed fis-suq fl-1 ta’ Ottubru 2020 jew, fi kliem ieħor, li t-tabakk li jkun diġa’ mqiegħed fis-suq huwa eskluż mill-applikazzjoni tal-obbligu legali in diżamina.  Din l-eskluzjoni bl-ebda mod ma jirriżulta mill-kliem tal-liġi u kieku l-ħsieb tal-leġislatur kien tassew li jeskludi minn dan l-obbligu legali t-

tabakk li kien diġa' mqiegħed fis-suq qabel l-1 ta' Ottubru 2020, dan kien jgħidu espressament: *ubi lex voluit, dixit*. Din id-distinzjoni ma saritx mil-leġislatur lanqas għall-fini tas-subregolament 10 tar-regolament 7A tas-Sitt Skeda tat-Taqsima Ċ tal-Kap. 382, li jistipola li it-tabakk kollu tal-pipa tal-ilma li tinsab fil-pussess ta' xi persuna bi ksur tar-regolamenti, ikun soġġett għal konfiska favur il-Gvern. Għalhekk il-Qorti ma tistax u m'hijiex sejra tagħmel xi distinzjoni hija stess, wisq inqas meta l-proċedura tal-konfiska hija waħda *in rem* fejn l-oġġetti konfiskati huma meqjusa bħala l-*corpus delicti* fis-sens li jkunu offruti fis-suq kontra l-liġi. Fuq kollox, kif inhu assodat in materja:- "*... il-liġi doganali titqabbel ma' liġi fiskali f'materja ta' interpretazzjoni u għandha tingħata tifsira dejqa*"[6]. Konsegwentement mhux konformi ma' dan l-insenjament xi interpretezzjoni li hemm xi *lacunae* fil-hsieb tal-leġislatur fir-regolamenti taħt il-Kap. 382.

Barra dan il-fatt illi l-avviż ta' struzzjoni li nħareġ fis-7 ta' Awwissu 2020 sejjaħ **lil kull min joffri għall-bejgħ tabakk tal-pipa tal-ilma, u mhux biss l-importatur awtorizzat**, biex preventivament għad-dħul fis-seħħ tal-obbligu legali, jixtri u jwaħħal bolla tas-sisa fuq il-pakkett, kaxxa jew kontenitur, mingħajr ebda eċċezzjoni. Kif rajna, mhux kontestat mir-rikorrenti illi huma qatt ma talbu lill-awtoritajiet doganali jew lill-importatur li mingħandu xtraw it-tabakk biex jordnawlhom it-tikketti għat-twaħħil tempestiv skont il-liġi.

Fil-fatt, Anthony Borg xehed illi f'Mejju 2020 kellu laqgħa mal-importaturi tat-tabakk fosthom ma' Alexander Arrigo ta' NM Arrigo Limited, fejn talabhom jidentifikaw it-tabakk li jkun inħareġ mingħajr bolla tas-sisa u mibjugħ lill-klienti tagħhom, biex jassiguraw li qabel id-dħul fis-seħħ tal-obbligu legali fl-1 ta' Ottubru 2020, il-prodotti li jkunu għadhom ma nbiegħux, jinbidlu biex jinġiebu f'konformita' mal-leġislazzjoni l-ġdida u dan billi jkollhom il-faxxa jew bolla tad-dazju tas-sisa mwaħħla fuqhom. Huwa fisser li l-pakketti tat-tabakk setgħu jibqgħu jinbiegħu leġittimament mingħajr il-faxxa tad-dazju tas-sisa mwaħħla fuqhom, biss sal-1 ta' Ottubru 2020 iżda jekk

[6] App. Ċiv. 16.12.2019, **All for Property Ltd v. Il-Kontrollur tad-Dwana**.

dawn ma jkunux laqgħu nbiegħu sal-imsemmija data, ma setgħux jibqgħu esposti għall-bejgħ mingħajr il-bolla tas-sisa.

Imbagħad, f'*email* li jidher li ntbagħat mill-istess Anthony Borg fit-13 ta' Ottubru 2020 b'risposta għal talba li saret minn NM Arrigo Limited **fit-12 ta' Ottubru 2020 -** u kwindi wara d-dħul fis-seħħ tal-obbligu legali - għal kjarifika dwar jekk huwiex meħtieġ li jiġu ordnati faxxi jew bolli tas-sisa biex jitwaħħlu wkoll fuq il-pakketti tat-tabakk kienu diġa' ġew rilaxxati mill-magazzinaġġ (*bonded stores*) u jkunu għadhom għall-bejgħ għand il-klienti tagħhom fl-1 ta' Ottubru 2020, wieġeb hekk fit-13 ta' Ottubru 2020: "*No. What have (sic) been sold is sold, so forget about it. The law has been amended and a banderol has to be affixed as from the beginning of October and by the way the stickers have just arrived in Malta. You simply have to check how many individual packets you have and order the stickers for them*".[7]

Il-Qorti, kuntrarjament għal dak li jargomentaw ir-rikorrenti u fl-isfond tal-konsiderazzjonijiet ġia' magħmula, tqis illi din ir-risposta ta' Anthony Borg ma tistax titfisser bħala affermazzjoni li t-tabakk li jkun diġa' laħaq inbiegħ lill-klient tal-importatur qabel il-1 ta' Ottubru 2020, kien eżenti mill-effetti legali tar-regolament il-ġdid u seta' jibqa' offrut għall-bejgħ fis-suq mingħajr il-faxex tas-sisa mwaħħlin fuq il-pakketti jew kontenituri tiegħu. Hu ovvju li t-tweġiba ta' Anthony Borg kienet maħsuba biex tindirizza l-kweżit dwar l-obbligu tal-importatur biex jordna l-ħruġ tal-faxex tas-sisa, u mhux l-obbligu ta' kull persuna li toffri għall-bejgħ fis-suq it-tabakk tal-pipa tal-ilma. Għalhekk, din ir-risposta bl-ebda mod ma tista' tinftiehem li teżonera lil min, wara l-1 ta' Ottubru 2020, ikun qed jesponi t-tabakk tal-pipa tal-ilma għall-bejgħ fis-suq, mill-obbligu li jassigura li l-pakketti jew kontenituri tat-tabakk ikunu siġillati bit-twaħħil tal-faxex tas-sisa.

Hija loġika l-presunzjoni li l-prodott li jkun diġa' inħareġ mill-*bonded stores* għall-bejgħ fis-suq, ikun x'aktarx inbiegħ, u dan jispjega d-dikjarazzjoni ta' Anthony Borg li

[7] Dok. AA1, paġna 80 sa paġna 84 tal-atti tal-kawża.

mhux meħtieġ li jiġu ordnati faxex tas-sisa biex jitwaħħlu fuq il-pakketti tat-tabakk ġia' mibjugħin lill-klienti tal-importatur/distributur. **Fuq kollox izda, il-pożizzjoni indikata minn Anthony Borg fl-imsemmi email trid tittieħed ukoll fl-isfond tal-fatt illi fit-13 ta' Ottubru 2020 kien inutili li jinxtraw faxex tas-sisa għaliex dan l-eżerċizzju messu sar ferm qabel, biex il-faxex jilħqu jiġu ordnati, jinxtraw u jitwaħħlu mad-dħul fis-seħħ tal-obbligu u mhux wara, meta t-tabakk offrut għall-bejgħ fis-suq mingħajr faxxa tas-sisa kien meqjus bħala illegali.**

Għaldaqstant, il-Qorti ma għandhiex dubju li t-tabakk tal-pipa **kollu** li nstab mill-intimat imqiegħed għall-bejgħ fl-istabbiliment tar-rikorrenti fil-21 ta' Diċembru 2021 mingħajr il-faxxa tas-sisa mwaħħla fuq il-kontenitur tiegħu konformament mal-liġi, kien fi stat ta' illegalita' u projibit fis-suq, u kien għalhekk soġġett għall-konfiska mandatorja bl-applikazzjoni tar-regolament 7A(10) tat-Taqsima Ċ tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 kif kien fis-seħħ fiż-żmien tal-ispezzjoni li abbażi tagħha inħarġet in-nota ta' qbid mertu ta' dan il-proċediment.

Dan ifisser li l-konfiska tal-prodotti tat-tabakk mill-pussess tar-rikorrenti mill-awtoritajiet doganali saret għaliex kienu esposti għall-bejgħ bi ksur tal-liġi u konsegwentement, stabbilit li l-ħruġ tan-nota ta' qbid fit-3 ta' Marzu 2022 kien ġustifikat, mhux meħtieġ indaġni ulterjuri biex jiġi determinat jekk il-konfiska kienetx ġustifikata wkoll taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi illi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti Rasem Alsoulaiman u Hussein Suleyman fir-rikors tagħhom tal-1 ta' April 2022.**

**L-ispejjeż ibatuhom ir-rikorrenti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**